**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 2 ta' Novembru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**Vs**

**Jamal El Badawi**

**Kump. Nr. 678/2018**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Jamal El Badawi, detentur tal-karta ta' l-Identita' numru 23508(A), gie akkuzat talli:

U nakkuzah talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-22 ta' Ottubru 2018, gewwa l-isptar Monte Carmeli, Attard u/jew bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Hebb ghal Gianluca Sicali ID. 48067(A) u/jew persuni ohra u kkagunalu offiza ta' natura hafifa skond kif iccertifikat minn Dr. Peter Cassar Reg No.5950.

2. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioe' nuccali tal-vista u/jew hwejjeg ohra u dan ghad-detriment ta' Gianluca Sicali ID. 48067(A) u/jew persuni ohra:

a. Fejn l-ammont tal-ħsara hi aktar minn mitejn u hamsin euro (€250) izda mhux aktar minn elfejn u hames mitt euro (€2,500).

U aktar talli b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozzizjoni tal-ligi, f'dawn il-Gzejjer, nhar it-24 ta' Ottubru 2018 u l-granet, il-gimghat, ix-xhur u kif ukoll is-snin ta' qabel, f'diversi bnadi f'dawn il- Gzejjer:

3. Uża vjolenza, inkluż vjolenza morali u/jew psikoloġika, u/jew sfurzar, sabiex iġiegħel li xi ħadd u cioe' lil Elaine Steer ID. 347683(M) u/jew persuni ohra, tagħmel, itħalli ssir, jew tonqos milli tagħmel, xi ħaġa, jew sabiex jnaqqas l-abilitajiet tal-persuna jew jiżola tali persuna jew jillimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg, u dan ai termini ta' Kap.9 Art 251(1) tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Gab ruhu b'tali mod li l-imġiba tieghu tammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi u dan ai termini ta' Kap.9 Art 251AA et seq. tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Gab ruhu b'mod li kkaguna lil Elaine Steer ID. 347683(M) u/jew persuni ohra, biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu kienet se tikkaguna li Elaine Steer ID. 347683(M) u/jew persuni ohra, hekk tibza' kull darba minn dawn l-okkazjonijiet, u dan ai termini ta' Kap 9 Art 251B et seq tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Gab ruhu b'tali mod li ta' fastidju lil Elaine Steer ID. 347683(M) u/jew persuni ohra, u b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dak li ghamel kien ta' fastidju ghal Elaine Steer ID. 347683(M) u/jew persuni ohra, u dan ai termini ta' Kap 9 Art 251A et seq tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadan, jew bil-hsieb li ggieghel lil Elaine Steer ID. 347683(M) jaghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, jew hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra taghha , jew biex immalafama lil Elaine Steer ID. 347683(M), jew xi

persuni ohra jew ghamilt uzu iehor mhux xieraq bih, u dan ai termini ta' Kap 339 Art49 (a)(b)(c) tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Elaine Steer ID. 347683(M) u/jew persuni ohra, u dan ai termini ta'Kap 9 Art 399(1)(e) tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli wettaq l-imsemmija reati waqt-il periodu operattiv ta' sentenza sospiza mghotija lilu mill-Qorti ta' Magistrati Malta mill-Magistrat Dr. C. Galea LL.D nhar is-02/02/2018 u sentenza sospiza mghotija lilu mill-Qorti ta' Magistrati Malta mill-Magistrat Dr. F. Depasquale LL.D nhar is-19/06/2018 liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jigu mhassra, mnaqqsa jew mibdula.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija titratta ma' l-imsemmi Jamal El Badawi bhala recidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati ta Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra, mnaqqsa jew mibdula u dan ai termini tal-Art. 49 u 50 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta tal-vittmi u l-familjari taghhom skond it-termini tal-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex waqt il-mori tal-kawza u kif ukoll f'kaz ta' htija tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni offiza jew individwi ohra u/jew l-familjari taghhom skond it-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tiehu ai konizzjoni u titratta r-reati 3 sa 8 bhala reati ta' vjolenza domestika meta tigi sabiex tapplika il-piena skond il-ligi.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tiehu ai konizzjoni taghha l- Artikolu 15A tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lill-ħati sabiex jirrestitwixxi lill-partijiet offiża kull ħaġa minnu misruqa jew li hu jkun xjentement laqa' għandu b'riċettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra, inkluż ħsara morali u, jew psikoloġika, kaġunati lil dik il-parti bi jew permezz tar-reat, u kull ordni bħal dak jista' jinkludi sew direttiva li ssir restituzzjoni u, fin-nuqqas, li jsir ħlas kif imsemmi qabel. L-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-25 t'Ottubru 2018 (ara *folio* 6) sabiex din il-kawza titmexxa bil-procedura sommarja

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum stess fejn, *inter alia*, l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti taghtu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Semghet lill-partijiet jaghmlu sottomissjonijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrijiet li l-imputat ta waqt l-investigazzjoni lill-pulizija, u l-provi dokumentarji imressqa, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet imsemmija migjuba kontra tieghu gew ghalhekk sodisfacentement ippruvati u ghaldaqstant m'ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghha.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena din il-Qorti qed tikkonsidra:

1. l-fattur tal-ammissjoni tal-imputat, li tista titqies bhala wahda bikrija. Jigi ippuntwalizzat illi l-imputat sahansitra ammetta fl-istqarrijiet tieghu li huwa ta lill-pulizija;
2. Izda il-Qorti ma tistax ma tindirizzax b'mod serju il-fatt li l-vittma Gianluca Sicali huwa ufficjal pubbliku u l-vittma l-ohra Elaine Steer hija mart l-imputat. U minhabba wkoll dan il-fatt, naturalment jigu invokati id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Vjolenza a bazi ta' Generu u Vjolenza Domestika, Kapitolu 581 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Il-fedina penali refrattarja tal-imputat li hija wahda preokkupanti;
4. Il-fatt li dak li ghamel l-imputat u li ghalih tressaq sabiex jirrispondi f'din il-kawza, huwa ghamlu fil-perjodu operattiv ta' zewg sentenzi sospizi.

Din il-Qorti tiddikjara li r-reati kif migjuba kontra l-hati huma serji, u fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza jew cirkostanzi partikolari, il-hati ta` dawn ir-reati kif migjuba kontra l-imputat, ikun jimmerita piena li tkun ta` deterrent, bhal ma hi piena ta` prigunerija. Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti tqis li hu fl-ahjar interess tal-Gustizzja li timponi piena karcerarja effettiva, apparti li din il-piena hija wahda indikata skond il-ligi.

**Decide;**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 28A, 28B, 49, 50, 15A, 221, 222(c), 325(1)(b), 251(1), 250, 251AA, 251B, 222(1), 251A, 399(1)(e), 412C u 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 339 tal-Ligijiet ta` Malta, kif ukoll id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Vjolenza a bazi ta' Generu u Vjolenza Domestika, Kapitolu 581 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Jamal **El Badawi** fuq ammissjoni tieghu stess hati, bhala recidiv, tal-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontra tieghu

U tikkundanna lil **Jamal El Badawi**:-

a. dwar l-imputazzjonijiet bin-numru (1) sa (8) – sentejn prigunerija effettivi;

b. tordna li s-sentenza ta’ 2 ta’ Frar 2018 (moghtija mill-Magistrat Dr. Charmaine Galea) tibda ssehh – sena prigunerija effettiva;
c. tordna li s-sentenza tad-19 ta’ Gunju 2018 (moghtija mill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale) tibda ssehh – xahrejn prigunerija effettiva.

Komplessivament (jammontaw) ghal tlett (3) snin u xahrejn prigunerija.

**Ordni skond l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Bis-sahha u ai termini ta` l-Artikoli 412C u 540A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u fid-dawl ta` l-atteggjament tieghu, kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta` Elaine Steer u Gianluca Sicali u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni tal-persuni msemmiji fl-imputazzjonijiet, u ghaz-zamma ta` l-ordni pubbliku, l-Qorti qeda bil-prezenti taghmel Ordni ta` Protezzjoni fil-konfront tal-hati Jamal El Badawi billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess Jamal El Badawi milli javvicina, jikkuntattja, jew b’xi mod isegwi l-movimenti ta` Elaine Steer u Gianluca Sicali u billi tipprojbixxi lil Jamal El Badawi milli jimmolesta lill-persuni msemmija, u dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu ta` hames snin li jibdew jiddekorru mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.

**Ordni skond l-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Bis-sahha u ai termini ta` l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti qeda bil-prezenti taghmel Ordni ta` trattament fil-konfront tal-hati Jamal El Badawi u dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu ta` hames snin li jibdew jiddekorru mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Il-Qorti fissret lil **Jamal El Badawi** fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jikser l-ordni ta’ protezzjoni u/jew l-ordni tat-trattament imposti fuqu.
In oltre skond l-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qed tordna lill-hati **Jamal El Badawi** ihallas bhala kumpens lil Gianluca Sicali ghall-hsara sofferta minnu fis-somma komplessiva ta’ €340.

Il-Qorti qed tordna komunika ta’ din is-sentenza lid-Direttur Probation and Parole sabiex tigi esegwita din is-sentenza skond il-ligi.

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur